MJCL/CMD/400/18

**Ċirkulari HR/CMD/MJCL Nru. 3/2018**

Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni
Qasam Industrijali ta' Kordin
Paola

14 ta' Settembru 2018

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**POST TA' *PUBLIC CLEANSING OFFICER* FID-DIVIŻJONI GĦAT-TINDIF U MANUTENZJONI FIL-MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali fid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Public Cleansing Officer* fid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

**Termini u kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12) –il xahar.

2.2 Is-salarju ta' *Public Cleansing Officer* huwa ta' Skala ta' Salarju 9, €20,590 fis-sena, li jiżdied b' €447.33 fis-sena sa massimu ta' €23,274.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Public Cleansing Officer* fid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni jinkludu:

a) Tassigura illi s-servizzi li huma fir-responsabbilita' u li toffri d-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni, isiru b'mod effiċċjenti fit-toroq urbani u żoni rurali;

b) Tassumi responsabbilita għad-direzzjoni u l-kontroll tal-ħaddiema li jaqgħu taħtu/taħtha f'diversi sezzjonijiet fi ħdan id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni bħal manutenzjoni ta' lattrini pubbliċi, ġbir ta' skart goff minn residenzi kif ukoll xogħlijiet ta' tindif ;

c) Timmaniġġja bl-aktar mod effiċċjenti ir-riżorsi umani, makkinarju, materjal u ħruġ ta' affarijiet mill-i*stores* ;

d) Tassisti lill- *Principal Public Cleansing Officers* u uffiċċjali superjuri oħra tad-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni rigward effiċċjenza maniġerjali, direzzjoni u kontroll;

e) Tikkontribwixxi fil-ko-ordinament bejn id-Diviżjoni, Dipartimenti oħra u entitajiet pubbliċi f'dak kollu li għandu x'jaqsam sabiex iż-żonijiet pubbliċi jinżammu nodfa u mingħajr skart;

f) Tassenja xogħol u tipprepara rapporti ta' kuljum dwar it-tqassim ta' ħaddiema u ħruġ ta' materjal f'kull programm approvat ta' xogħol fdat lilu/lilha;

g) Tagħmel monitoraġġ tal-progress u tirrapporta' dwar oqsma problematiċi;

h) Tagħmel spezzjonijiet fuq il-ħaddiema sabiex tissorvelja l-effiċċjenza u l-produttivita tagħhom u tqabbel ir-riżultati mal-pjanijiet u l-istimi;

i) Tiżgura u tinforza il-kondotta, id-dixxiplina, il-puntwalita' tal-ħaddiema, il-miżuri dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u l-benesseri tal-ħaddiema;

j) Tassisti lid-Direttur Ġenerali, Diretturi, Assistenti Diretturi u uffiċċjali superjuri oħra fl-ipproċessar ta' rapporti dixxiplinarji u proċeduri, kif ukoll fiż-żamma ta' relazzjonijiet pubbliċi tajbin;

k) Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma mislufin/*detailed/deployed /attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku li huma fil-grad ta' Senior Public Cleansing Foreman, li l-ħatra tagħhom tkun konfermata. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal post ogħla għandhom ikunu konfermati fil-ħatra tagħhom kurrenti (jew ta' qabel), (skont il-każ).

4.2 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale.*

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.3 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.2 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun *scanned* u mibgħuta permezz tar-*Recruitment Portal* fuq http://recruitment.gov.mt. Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt l-ebda ċirkostanza.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.2, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni, permezz tar-*Recruitment Portal* biss fuq l-indirizz: http://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu *curriculum vitae* (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a) kif ukoll *Service and Leave Record Form* (GP47) aġġornat li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal. Id-data tal-egħluq għall-applikazzjonijiet hija **nofsinha**r (*Central European Time*) ta' **nhar it-Tnejn 1 t'Ottubru 2018**. Tintbagħat ittra elettronika ġġenerata mill-komputer bħala rċevuta li l-applikazzjoni tkun daħlet. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**Provvedimenti ġenerali oħra**

8. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita';
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx jew jinkisbu mid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni, Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, u ndirizz elettroniku tad-Divizjoni huma www.mjcl.gov.mt u hr.cleansing@gov.mt.

Ramon Deguara
Direttur Ġenerali, Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni
Ministeru għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali

*SF*